**29. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor. Louis Grech jipproponi:**

Billi, skont ir-Regolament Numru 2 tar-Regolamenti tal-Proċedura tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran, l-Assemblea għandha tikkonsisti f'rappreżentanti ta' kull Parlament tal-pajjiżi msieħba fil-Proċess ta' Barċellona, liema rappreżentanti għandhom ikunu maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament, skont kif dan jiddeċiedi; u

Billi l-istess Regolamenti ta' Proċedura jistabbilixxu li l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta f'din l-Assemblea għandhom ikunu tlieta, u li jista' jkollhom tliet sostituti għalihom;

Hu għalhekk riżolut illi l-Kamra taħtar dawn il-Membri bħala r-Rappreżentanti tagħha:

L-Onor. Michael Falzon – Kap tad-delegazzjoni

L-Onor. Silvio Parnis

L-Onor. Ċensu Galea

u illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

L-Onor. Luciano Busuttil

L-Onor. Silvio Schembri

L-Onor. Albert Fenech

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull Rappreżentant u ta' kull Sostitut rispettiv tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-Rappreżentanti u Sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament, jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort'oħra.

25.04.13